# Parroċċa San Lawrenz

**Il-Ħadd huwa l-ħajja tan-nisrani!**

*tel. 21556073-21550816; mob. 99832376; email. slawrenzparish@onvol.net*

## Randan b'Impenn!



Kif konna tkellimna kemm il-darba, biex wieħed jakkwista riżulat tajjeb f'dak li jagħmel, jeħtieġ li dak li jagħmel jagħmlu b'impenn. Bħala eżempju, wieħed irid jieħu b'impenn ix-xogħol għaliex jaf li hu mezz ta' għajxien. L-istess l-istudent, dan ma jistax jitraskura l-iskola għax jaf li l-futur tiegħu jiddependi minnha. Ma jistax wieħed marid ma jieħux il-mediċina għax jaf li mingħajrha ma jistax ifieq. L-istess ngħidu għall-ħajja nisranija tagħna... jekk aħna rridu nilqgħu r-rigal tal-konverżjoni ma nistgħux ma napprofittawx u ninpenjaw ruħna minn żmien ir-Randan. Il-fatt li għall-ħwejjeġ materjali ninpenjaw ruħna bi kbir u ninpikaw magħna nfusna, u min jaf kemm nagħmlu sagrifiċċji kbar, hija ħaġa li tħasbek ħafna. Iżda fejn tidħol il-ħajja nisranija mhux dejjem neħduha b'serjetà u mpenn. Il-fatt hu li nafu li din il-ħajja b'mod jew ieħor trid tintemm u ninsew li l-ħajja li ġejja hija għal dejjem. Li jġiegħlek taħseb hu l-fatt li għal din il-ħajja ma nsibu ebda skuża u nagħmlu ħafna sagrifiċċji, filwaqt li għall-ħajja ta' dejjem u dak kollu li jitlob minnha Ġesù nsibu kull skuża u kull raġuni biex niġġustifikaw lilna nfusna. Ejjew mela f'dan ir-Randan li hu żmien ta' grazzja, napprofittaw minnu bil-mezzi li tagħtina l-Knisja: bit-talb, bis-sawm u bil-karità.

## Kant tas-Salmi

Minn għada t-Tnejn, fis-6.30am, jibda l-kant tas-Salmi. Inħeġġukom sabiex f'dan iż-żmien tar-Randan, napprofittaw billi nsumu mill-irqad u nsarfuh f'talb. M'hemmx mod aħjar li tibda l-ġurnata jekk mhux permezz tat-talb. Tajjeb li min jista', jattendi. Il-kant tas-Salmi jkun nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa.

## Laqgħa fil-Bar taċ-Ċentru

Bħas-snin l-imgħoddija ser jiġu fostna saċerdot u xi rġiel biex jiltaqgħu ma' dawk li jiffrekwentaw il-bar taċ-Ċentru. Ikun hemm mument qasir ta' riflessjoni. Dan se jkun għada t-Tnejn fit-8.00pm. Inħeġġu lil dawk li jiffrekwentaw iċ-Ċentru sabiex ikunu preżenti.

## Id-Duttrina tal-Ħamis

Nagħmel appell qawwi lill-ġenituri tat-tfal tad-duttrina minn year 2 'l fuq sabiex ma jittraskurawx milli jibgħatu lil uliedhom għall-quddiesa ta' kull nhar ta' Ħamis, fis-6.30pm. Ftakru li din tagħmel parti mid-duttrina u qed issir ir-rassenja. Nhar il-Ħamis li għadda kien hemm numru ta' tfal li ma attendewx.

## Volontarjat

Nhar il-Ġimgħa li ġejja ser isir xogħol volontarju fl-Arka, ġewwa Għajnsielem. Inħeġġu lin-nisa li jistgħu jagħmlu dan l-att ta' karità sabiex ma jibqgħux lura. Niftakru li l-karità taħfer il-kotra tad-dnubiet. Nitilqu mill-pjazza fit-8.00am u niġu lura f'nofsinhar. Min jixtieq jattendi jkellem lill-kappillan.

## Laqgħa għall-Ġenituri

Nhar il-Ġimgħa 18 ta' Marzu jmiss il-laqgħa tal-ġenituri kollha tat-tfal tad-duttrina, mhux dawk biss li għandhom it-tfal għat-tqarbina jew għall-griżma iżda l-ġenituri kollha huma mitluba sabiex jattendu. Jekk verament tħobbu lil uliedkom ma tistgħux tonqsu li tattendu. Il-laqgħa tibda fis-7.30pm sat-8.15pm. Din se ssir fiċ-Ċentru Parrokkjali. Ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal.

## San Ġużepp

Infakkarkom li nhar is-Sibt hija l-festa ta' San Ġużepp. Inqaddsu dan il-jum billi nisimgħu l-quddies u nitqarbnu. Infakkarkom li filgħaxija l-quddiesa tkun tat-tieni Ħadd tar-Randan.

## Matul din il-Ġimgħa nitolbu:

**It-Tnejn 14 ta' Marzu**
Għall-erwieħ tal-familja Piju Cauchi
Għal ruħ Rita u Grazzja Grima
Għal ruħ Roderick Zahra

**It-Tlieta 15 ta' Marzu**
Għal ruħ Wenzu Grima A (L 81)
Għal ruħ Mons. Nikol Ġ. Cauchi
Għal ruħ Pawlu Formosa

**L-Erbgħa 16 ta' Marzu**
Għal ruħ Joe u Luigi Grima
Għal ruħ Wenzu u Ġolina Formosa
Għal ruħ Rita Grima (L 58)

**Il-Ħamis 17 ta' Marzu**
Għal ruħ Salvu, Carmela u Joe Grima
Għal ruħ Ġużepp Cauchi C
Għal ruħ Angelina Cauchi

**Il-Ġimgħa 18 ta' Marzu**
Għall-erwieħ kollha tal-Parroċċa
Għal ruħ Grazzja Micallef
ANNIVERSARJU (LEG 73): GĦAL RUĦ ĠUŻEPP U ANNUNZIATA CAUCHI G

**Is-Sibt 19 ta' Marzu**
Għall-erwieħ tal-fam. Piscopo u Debrincat
B'ħajr 'l Alla bl-interċessjoni ta' San Ġużepp
ANNIVERSARJU
GĦAL RUĦ EMANUEL AXIAQ